**478. Il-Prim Ministru, l-Onor. Robert Abela jipproponi:**

Billi b'riżoluzzjoni Nru 318 tas-16 ta' Marzu, 2016 il-Kamra tad-Deputati approvat il-ħatra tas-Sur Charles Deguara bħala Awditur Ġenerali skont l-artikolu 108 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

U billi skont is-subartikolu (3)(a) tal-artikolu msemmi l-Awditur Ġenerali għandu jibqa' fil-kariga għal perjodu ta' ħames snin mid-data tal-ħatra tiegħu u jkun eliġibbli li jerġa' jinħatar għal perjodu wieħed ieħor ta' ħames snin;

Din il-Kamra taqbel u tirrisolvi li titlob lill-President ta' Malta biex jerġa' jaħtar lill-imsemmi Sur Charles Deguara bħala Awditur Ġenerali b'effett mit-30 ta' Marzu, 2021.

**18.02.2021**